# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 34 – IT-TNEJN 6 TA' APRIL 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużat : | Antoine Vella | Viċi Sindku |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 33

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil unanimu li ssir emenda f'para. 3.3 fejn l-aħħar sentenza għandha taqra kif ġej: Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud sostna li kull diskussjonijiet għandhom isiru bi ftehim li l-pussess tal-arloġġ jibqa' f'idejn il-Kunsill.

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li dakinhar kienet bagħtet korrispondenza lill-avukat tal-Kunsill. Għaldaqstant se nistennew risposta min-naħa tiegħu.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para 2.4, kienet qabbdet *surveyor* biex jagħmel *survey* tal-partijiet interni tax-xelter.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.6, kellha kommunikazzjoni mad-Direttur fejn dan kien wiegħed li se jgħin lill-Kunsill biex il-latrini tal-ġnien jinfetħu u possibbilment biex jgħaddu wkoll f'isem il-Kunsill Lokali. Kienet ġibdet ukoll l-attenzjoni dwar numru ta' xogħilijiet ta' manutenzjoni li hemm bżonn li jsiru kif ukoll talbet gwida biex possibbilment il-kiosk tgħaddi f'isem il-Kunsill ukoll.

2.4 Is-SE infurmat li kien sar l-iffirmar tal-ftehim mal-Malta Libraries fir-rigward tal-ftuħ u t-tmexxija tal-librerija tal-Kunsill. Dan kien sar nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu 2015.

2.5 Is-SE infurmat li ż-żjara tad-delegazzjoni minn Pumpherston kienet marret tajjeb ħafna u dehru li kienu impressjonati bix-xogħlijiet u l-pjanijiet tal-Kunsill kif ukoll tal-entitajiet tal-lokal. Infurmat ukoll li sadanittant iċ-*Chairperson* kienet qed tagħmel kuntatti mal-entitajiet tagħhom sabiex ikun hemm kuntatt ma' dawk Imtarfin.

2.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet saret kommunikazzjoni bejnha u d-Dipartiment dwar id-*doggie park* għal Triq is-27 ta' April.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku rrakkomanda li parti minn Triq Gregorio Caraffa għandha ssir fuq direzzjoni unika minħabba li hija dejqa wisq biex jgħaddu żewġ vetturi. Is-SE infurmat li fil-passat viċin diġà kien sar tentattiv mill-Kunsill preċedenti iżda r-residenti ma kinux qablu. Hija infurmat li kienet se tgħaddilhom l-informazzjoni mill-ġdid biex din il-materja terġa' tiġi diskussa.

3.2 Is-Sindku informa li f'din l-istess triq hemm bankina li hija wisa' ħafna u inutilment u ssuġġerixxa li għandha titnaqqas mill-wisa'. Minħabba li x-xogħol huwa konsiderevoli u diġà hemm numru ta' toroq oħra li l-Kunsill jixtieq li li jsiru interventi fuqhom, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna sakemm tinħareġ offerta għax-xogħlijet minuri.

3.3 Hawnhekk inqalgħet diskussjoni fejn il-Kunsilliera Fenech u Bugeja sostnew li kien hemm numru ta' xogħlijiet rigward ilmenti li kienu waqgħu lura. Kien hemm qbil li għandhom jgħaddu lista ta' affarijiet li għadhom ma ttieħdietx azzjoni fuqhom lis-SE. Hawnhekk is-SE infurmat li x-xogħol huwa kbir u li huwa impossibbli li jintlaħqu x-xogħlijiet kollha fi żmien qasir b'mod speċjali minħabba kwistjoni ta' nuqqas ta' riżorsi umani. Kien hemm qbil li għandha ssir lista tal-punti li għadhom pendenti sabiex jgħinu lis-SE fl-eżekuzzjoni tagħhom.

3.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li jiġu mħawla hedge u xi arbuxxelli oħra fil-planter ta' Triq Gregorio Caraffa. Hawnhekk kien hemm qbil li s-SE għandha toħroġ twissija lil Waste Collection Limited għaliex meta tinġibed l-attenzjoni tagħhom dwar ċertu xogħlijiet, b'mod speċjali żbir u taħwil ta' fjuri, mhux qed isiru malajr kemm wieħed jixtieq u kif stipulat fil-kuntratt.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tintbagħat tfakkira lil TM sabiex jinbidel il-bus shelter ta' ħdejn il-bandli minħabba li huwa antik.

3.6 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienet irċeviet talba sabiex nhar l-1 ta' Mejju jinżammu n-National Championships tad-Duothlon fil-bypass tal-Imtarfa u ssir ġirja wkoll madwar il-lokalità. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Marzu 2015.

## 5. IL-PROĠETT TAL-BOSK

5.1 Is-SE infurmat li kellha kommunikazzjoni wkoll min-naħa ta' Alberta Group li qed jitolbu estensjoni ta' erba' ġimgħat minħabba li l-materjal ma setgħax jintbagħat minħabba l-maltemp. Il-Kunsill approva din l-estensjoni.

5.2 Kif kienet infurmat permezz tal-email, kienu qed jiġu proposti numru ta' xogħlijet żejda mal-proġett eżistenti sabiex dan jitjieb. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu ħajt fuq quddiem biex jagħlaq l-aċċess, grada fuq in-naħa ta' wara biex jitneħħa l-periklu għal kull min jista' jaċċessa l-parti li għadha mhijex żviluppata, dawl dekorattiv fl-entratura, sistema biex jinġabar l-ilma li jinżel min-niżla għal ġol-ġibjun, *edge finish* mad-dawra tad-*decking*, u tpoġġija ta' *turf* komplet bl-*irrigation* għall-entratura. Il-Kunsillier Mifsud ma qabilx li jsir dawl fl-entrantura imma kien hemm qbil li jsir id-dawl fil-parti pavimentata biss mingħajr ma jaffettwa ż-żona naturali.

5.3 Is-SE infurmat li l-ewwel parti tad-*decking* kien sar fuq pedament ta' seratizzi tal-injam minflok tar-*recycled plastic* u għalkemm bħala *surface area* kienu ikbar u probabbilment aktar sodi, xorta kien hemm il-possibbiltà li 'l quddiem dawn jitmermru u jkun irid isir manutenzjoni fuqhom. Hija infurmat li l-Kunsill jista' jew jagħżel li jżommhom u jżomm lill-kuntrattur responsabbli għal numru ta' snin inkella jitlob li jinbidlu minn issa. Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill għandu jobbliga lill-kuntrattur sabiex ibiddel is-seratizzi tal-injam ma' oħrajn ta' *recycled plastic* kif speċifikat fuq l-offerta. Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud insista li ladarba din il-klawsola qegħda fil-kuntratt, il-Periti ma kellhomx għalfejn jitolbu d-deċiżjoni tal-Kunsill imma kellhom jieħdu azzjoni immedjatament skont l-ispeċifikazzjonijiet.

5.4 Is-SE sadanittant infurmat li d-*decking* issa huwa tista' tgħid lest fl-inter tiegħu u l-kuntrattur qed jistenna li jingħata l-approvazzjoni min-naħa tal-SCH biex jinbeda x-xogħol fuq il-ġibjun.

5.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ukoll talba għal estensjoni oħra mingħand is-Sur Anton Zarb minħabba li l-HSBC kienu fuq strajk u għaldaqstant ma setgħux joħorġulu l-garanzija tax-xogħol (*performance guarantee*). Din it-talba ġiet milqugħa.

## 6. JUM L-IMTARFA

6.1 Il-Kunsill irċieva numru ta' nominazzjonijiet fejn wara diskussjoni kien hemm qbil li Ġieħ l-Imtarfa għandu jingħata lil Teresa Bugeja, persuna li għamlet 20 sena tgħallem id-duttrina lit-tfal tal-Imtarfa, filwaqt li Mertu l-Imtarfa din is-sena għandu jingħata lil Charmaine Micallef, li tiffurma parti mill-Imtarfa Drama *Group* u hija pedina importanti għal dan il-grupp.

## 7. SKAMBJU TA' ŻGĦAŻAGĦ – MALTA/ŻVEZJA

7.1 Is-Sindku informa li nhar l-14 ta' April kien se jlaqqa' ż-żgħażagħ li se jipparteċipaw fl-iskambju. Sadanittant informa li kien hemm tibdil żgħir fiż-żgħażagħ għaliex tnejn minnhom infurmawh li ma setgħux jattendu però nstabu żewġ zgħażagħ oħra minflokhom u li kienu eliġibbli.

7.2 Is-Sindku propona li l-Viċi Sindku jintagħżel bħala co-leader miegħu fuq dan l-iskambju sabiex jgħin fl-attivitajiet hawn Malta kif ukoll fl-Iżvezja fid-dawl tal-esperjenza li għandu diġà maż-żgħażagħ fejn huwa jifforma parti mill-i*scouts* tal-Imtarfa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.3 Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jgħaddi kopja tal-programm lill-Kunsilliera kollha sabiex kemm-il darba jixtiequ jkunu jistgħu jattendu għal xi attivitajiet magħhom.

7.4 Sadanittant is-Sindku informa wkoll li dakinhar li huwa u l-leader taż-żgħażagħ li kien intagħżel kellhom isiefru, dan kien infurmah li kien qam marid u għaldaqstant kellu jaqta' biljett ġdid f'isem Matthew Seychell sabiex jakkumpanjah lejn l-Iżvezja.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Fuq talba tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tibgħat ilment ieħor dwar il-periklu tal-ħajt ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Il-Kunsillier Fenech talab li jingħata kopja tal-ilmenti li ntbatu diġà.

8.2 Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li ssir applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq is-27 ta' April man-naħa ta' Villino Maria. Is-SE infurmat li l-Viċi Sindku diġà kien ressaq din it-talba u hi u l-*electrician* tal-Kunsill kienu marru fuq il-post. Min-naħa tiegħu l-*electrician* kien infurmaha li l-Korporazzjoni Enemalta ma kinitx tapprova li jitwaħħlu lampi mat-tip ta' arblu li kien hemm fil-viċin. Min-naħa tal-Kunsill kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tagħmel tentattiv ieħor sabiex titpoġġa bozza ġdida.

8.3 Hawnhekk il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa wkoll li tinġibed l-attenzjoni ta' Villino Maria dwar l-akkumulu ta' ħaxix li għandhom fil-parapett.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**